**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 363/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Brian Caruana**
**(ID 58575(M))**

**Illum: 30 ta' Mejju 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Brian Caruana** ta' 31 sena, iben Francis u Carmen nee` Fenech, imwieled Pieta`, nhar it-2 ta' Jannar 1975, residenti 1, Charlord, Sqaq San'Antnin, Ħamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 58575(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-26 ta' Jannar 2006 u matul il-ħames snin ta' qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li

jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li jindikaw li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Prosekuzzjoni fit-22 ta' Ottubru 2008;

Rat in oltre illi l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għall-ewwel darba quddiem il-Qorti kif diversament preseduta fit-22 ta' Marzu 2010, kif ukoll illi bdiet tinstema' fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2011, wara li l-imputat baqa' ma ġiex notifikat bid-dati tas-smiegħ;

Rat ukoll illi l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi in atti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ex Spettur Nadia Lanzon** tixhed illi in segwitu għall-arrest ta' xi persuni, fosthom persuna li fil-pussess tagħha nstabet xi droga, dan indika lill-imputat odjern bħala l-persuna illi mingħandu kien xtara d-droga. Skont l-informazzjoni li kellha l-Pulizija, l-istess imputat kien qed ibiegħ l-eroina. Għalhekk hija bgħatat xi Pulizija sabiex issir osservazzjoni fuq

ir-residenza tal-imputat ġewwa l-Ħamrun u sabiex jagħmlu wkoll tfittxija fuq il-persuna tiegħu wara li jwaqqfuh. Fil-fatt il-Pulizija waqqfu lill-imputat u fir-residenza tiegħu nstabu xi oġġetti relatati mad-droga, fosthom xi disa' (9) pakketti, apparti li nstabet ukoll is-somma ta' mitejn u tmien Liri Maltin (Lm208) fi flus kontanti. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar is-27 ta' Jannar 2006 u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi.[1]

**In kontro-eżami**, mistoqsija jekk it-tfittxija saritx fuq skorta ta' mandat, ix-xhud twieġeb illi jekk dak iż-żmien kien jeħtieġ mandat bil-liġi, allura kien hemm mandat, stante li hija qatt ma għamlet tfittxija mingħajr mandat. Jekk mill-banda l-oħra tali liġi ma kinitx fis-seħħ, jista' jkun li ma kienx ħareġ mandat, iżda ma ftakritx eżattament dwar dan il-każ. Tgħid ukoll illi hija ma kinitx preżenti waqt din it-tfittxija u li preżenti kien hemm PC 246, PC 396 u pulizija mara.[2]

2. **PC 599 Clive Mangion** xehed illi fis-26 ta' Jannar 2006, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, Pulizija mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga marru fi Sqaq San'Antnin, il-Ħamrun, fejn kien joqgħod l-imputat. Meta avviċinaw ir-residenza tiegħu, lemħu l-bieb imbexxaq u li l-imputat kien qiegħed jitkellem ma' persuna barra l-bieb. Huma daħlu fir-residenza flimkien mal-imputat, u fuq il-*coffee table*, raw illi kien hemm borża b'disa' (9) pakketti li ġo fihom kien hemm sustanza kannella. Jgħid ukoll illi dak il-ħin l-imputat qabad il-boroż u remihom wara s-sufan, fil-waqt illi qabad il-*mobile phone* u faqgħu mal-art. Waqt it-tfittxija nstabu wkoll pipa tal-*foil*, xi *foil*, xi *sim cards*, żewġ siringi u kantuniera ta' borża. Ġiet elevata wkoll is-somma ta' mitejn u tmien Liri Maltin (Lm208). Dawn l-affarijiet ġew mgħoddija lill-Ispettur Nadia Lanzon.

   **In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid illi fil-post kien hemm ukoll Fiona Pace, it-tfajla tal-imputat. Jgħid ukoll illi kellhom mandat, iżda ma ftakarx min kien il-Maġistrat li awtorizzah. Jgħid illi huwa ma kellux kopja tal-mandat, iżda normalment jingħata lill-persuna li fir-rigward tiegħu jkun inħareġ. Jgħid in oltre illi saret ukoll tfittxija fuq il-persuna l-oħra li magħha kien qed jitkellem l-imputat, iżda ma nstab xejn fuqu.[3]

3. **Ex PC 246 Vincent Cesare** xehed illi fil-jum tas-26 ta' Jannar 2006 saret tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat. Minn ġewwa s-salott ġew elevati disa' (9) boroż li ġo fihom kien hemm trab kannella, mus bil-manku iswed, *foil* imrembel f'forma ta' *straw*, żewġ (2) lubretti kbar, pakkett Rizla bil-

[1] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 18 sa 21 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 15 sa 17 tal-proċess.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 22 sa 24 tal-proċess.

kartuna imqatta’, tlett (3) *sim cards* u xi *foil*. Minn ġewwa l-kamra tas-sodda ġie elevat *diary* iswed b’xi notamenti u mill-kċina ġew elevati żewġ siringi ġodda.

**In kontro-eżami**, mistoqsi jekk kellhomx mandat awtorizzat minn Maġistrat, huwa jgħid illi jidhirlu li kellhom, għalkemm ma jiftakarx min kien il-Maġistrat li ffirma l-istess mandat.[4]

4. **PS 396 Saviour Baldacchino** xehed illi fuq skorta ta’ mandat ta’ tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat, kmieni wara nofs in-nhar fil-jum tas-26 ta’ Jannar 2006, Uffiċjali tal-Pulizija marru sabiex jagħmlu tfittxija ġewwa d-dar ta’ residenza tal-imputat fi Sqaq Sant’Antnin il-Ħamrun. Jgħid illi huma nnutaw persuna dieħla u ħierġa mill-isqaq u għalhekk stennewh jerġa’ jidħol ġewwa l-isqaq sabiex ikunu jistgħu jidħlu fir-residenza tal-imputat. Dan kien ċertu Peter Paul, magħruf bħala l-Giża. Malli daħlu ġewwa r-residenza tal-imputat, l-istess imputat deher jarmi dak illi kellu f’idejh, li wara rriżulta illi kienet borża trasparenti b’disa’ pakketti li kienu jikkontjenu sustanza suspettata eroina. L-imputat kellu wkoll *mobile phone* u malli daħlu l-Pulizija, huwa remieh fl-art sabiex ikissru. Żied jgħid illi fir-residenza tal-imputat instabu diversi oġġetti relatati mal-użu tad-droga, inkluż is-somma ta’ mitejn u tmien Liri Maltin (Lm208). Sadanittant waqt illi kienet għaddejja t-tfittxija, marru jħabbtu tlett (3) persuni fuq il-bieb tad-dar tal-imputat, liema persuni lkoll kienu magħrufa mal-Pulizija bħala persuni li jabbużaw mid-droga.

   **In kontro-eżami**, ix-xhud jgħid illi saret tfittxija fuq dawn il-persuni, iżda ma nstabilhom xejn illegali.[5]

5. **WPS 21 Ashley Bugeja** tixhed illi kienet xhud ta’ stqarrija, iżda ma tiftakarx ta’ min kienet din l-istqarrija. Lanqas ma kienet involuta fit-tfittxija.[6]

6. **L-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Victor Aquilina** esebixxa mandat ta’ arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat odjern u dan b’referenza għall-fond bin-numru 1, Charlord, Sqaq Sant’Antnin, Ħamrun u postijiet oħra taħt il-kontroll tiegħu “*dwar il-kommissjoni tar-reat ta’ pussess u traffikar ta’ droga*”, liema mandat huwa ffirmat mill-Maġistrat Dr. Joe Cassar u datat 25 ta’ Jannar 2006.[7]

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 25 sa 27 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 28 sa 32 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 33 u 34 tal-proċess.
[7] Ara dan il-mandat esebit a fol. 37 tal-proċess.

7. **PS 1220 Chris Baldacchino** xehed illi huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u illi dak iż-żmien ma kinitx proċedura tal-Pulizija li tagħti lill-imputat il-jedd li jottjeni parir legali.[8]

8. **PC 1348 Joseph Campbell** jgħid illi fil-jum tas-26 ta' Jannar 2006, fuq struzzjoniiet tal-ex Spettur Nadia Lanzon, saret tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat fil-Ħamrun. Hemmhekk instabet borża tal-plastik li ġo fiha kien hemm madwar disa' (9) pakketti b'sustanza suspettata droga.

   **In kontro-eżami** ix-xhud jgħid illi ma jiftakarx jekk kellhomx mandat sabiex jagħmlu t-tfittxija għaliex kien għadda ż-żmien.[9] Skont ix-xhud dak iż-żmien, il-mandat kien ikun f'idejn l-Ispettur u dakinhar huwa ma kienx is-*senior* mill-pulizija li kienu preżenti, iżda x'aktarx dan kien ex PC 246. Għalhekk jekk kien hemm mandat, jassumi li dan kellu jkun f'idejh. Muri l-mandat esebit in atti, u mistoqsi jekk kienx rah, jgħid illi għadda wisq żmien u ma jiftakarx, anke għaliex jara ħafna mandati. Mistoqsi dwar dan, jgħid illi dak iż-żmien kien normali li waqt tfittxija kien ikun hemm numru ta' pulizija, għalkemm fiż-żmien tax-xhieda ma kienx isir hekk għaliex ma baqgħux l-istess ammont ta' pulizija.[10]

Da parti tagħha, <u>id-difiża</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-imputat Brian Caruana** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Huwa kkonferma illi f'Jannar 2006 huwa kien jgħix ġewwa 1, Sqaq Sant'Antnin, Ħamrun. Jgħid illi l-akkwati tad-dar residenzjali tiegħu huma "*daqxejn dodgy*" fis-sens illi "*Hemm hekk hemm daqxejn taħwid*"[11] stante li f'dan l-isqaq hemm xi tlettax-il dar u li kien hemm aktar sqaqien. Wara l-arrest tiegħu, ġieli kien hemm il-Pulizija f'dawk l-akkwati.

   L-imputat jgħid illi dakinhar tas-26 ta' Jannar 2006, ftit qabel is-1.00 p.m. marret id-dar tiegħu t-tfajla li kellu dak iż-żmien, Fiona Pace. Sema' l-bieb iħabbat, ittawwal mill-*intercom* u mill-*camera* ma ra lil ħadd u reġa' daħal lura. Wara ftit tal-ħin reġa' ħabbat il-bieb u din id-darba kien hemm raġel. L-imputat ma ħax gost bih billi deherlu illi kien raġel tat-triq. Staqsieh x'kellu bżonn, dan talbu sabiex jiftaħlu, iżda huwa wieġbu li ma kienx ser jagħmel dan u sellimlu. Sadanittant it-tfajla tal-imputat daħlet ġewwa l-kamra tal-banju u reġa' ħabbat il-bieb. Minn ġewwa d-dar l-imputat beda jgħid lil dan ir-raġel sabiex jitlaq. L-imputat spjega illi dak iż-żmien huwa

[8] Ara a fol. 39 sa 41 tal-proċess.
[9] Ix-xhud xehed fl-14 ta' Mejju 2012, fil-waqt illi l-każ seħħ fis-26 ta' Jannar 2006.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 43 sa 47 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 51 tal-proċess.

kien jieħu l-*methadone* u kien mgħaġġel sabiex joħroġ, billi sadanittant laħqu saru s-1:40 p.m. u fejn kien imur għall-*methadone* kien jagħlaq sas-2.00 p.m. L-imputat fetaħ il-bieb u reġa' qal lil dan ir-raġel sabiex jitlaq. Dan kien bogħod madwar tlieta jew erba' piedi minnu u beda jgħid "pulizija, pulizija". L-imputat tenna li ma kienx jinteressah u reġa' qallu biex jitlaq. Skont hu, hekk kif kien ser jagħlaq il-bieb, daħlu fuqu l-Pulizija. L-imputat spjega illi dan ir-raġel kien il-Giża tal-Ħamrun u li dan kien qiegħed jipprova jingannah meta beda jgħidlu li hu pulizija. Jgħid illi huwa offendih sabiex jitlaq 'l hemm u jħallih bi kwietu.

L-imputat xehed illi l-Pulizija daħlu fuqu b'"*daqxejn aggressjoni*" u nfurmawh illi riedu jagħmlulu tfittxija. Skont hu, talab għall-mandat, u tawh karta li minnufih ittieħdet minn idu. L-imputat jisħaq illi din il-karta ma kinitx mandat. Skont hu, il-Pulizija qalulu li kienu hemm għad-droga u illi hekk kif huwa dar għal fuq il-*coffee table* dawn reġgħu qabżu fuqu. Baqgħu jargumentaw. Spjega illi dan il-Giża ddaħħal ġewwa daru mill-Pulizija u ġie mistoqsi x'kien mar jagħmel għand l-imputat. Skont l-imputat, il-Giża wieġeb illi kien mar jiġbor xi fliexken. Jgħid illi huwa kien joħroġ il-fliexken ġo kaxxa u jpoġġihom faċċata tal-bieb tad-dar tiegħu biex meta jmur jixtri joħodhom miegħu, iżda ġieli ra xi nies, inkluż lill-istess Giża, jieħdu l-fliexken u jitilqu bihom. Il-Pulizija mbagħad ħallew lill-Giża jitlaq, iżda huwa rrabja li daħħluhulu d-dar meta huwa stess kien qed ikeċċih. Wara t-tfittxija ħaduh ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

L-imputat spjega illi huwa kien involut f'inċident tat-traffiku serju fis-sena 1997, fejn hu spiċċa korra gravement waqt illi l-passiġġier illi kien riekeb miegħu tilef ħajtu. Spjega illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident għandu xi *pins* f'saqajh u illi kien jieħu l-*pain killers* għall-uġiegħ, skont hu xi 24 *Ponstan* tal-500mg f'ġurnata, li huwa jgħid li ma kinux biżżejjed. Ma setax isib xogħol, spiċċa fit-taħwid u waqa' għall-eroina. Din kienet ittaffilu l-uġigħ u tgħinu jistrieħ aħjar. Jgħid illi waqa' fil-vizzju tal-eroina fis-sena 2002. Fl-istess ħin kien jieħu wkoll il-*methadone*. Żied jgħid illi llum il-ġurnata huwa *clean* billi ilu mis-sena 2009 ma jmiss ma' droga. Lanqas *methadone* ma jieħu. Illum jieħu biss *pain killers* għall-uġiegħ u dan skont il-preskrizzjoni medika tat-tabib tiegħu.

Jgħid illi fiż-żmien tal-każ odjern, huwa kien jirċievi biss il-benefiċċji soċjali, sa minn ftit qabel l-istess każ u fuq suġġeriment tal-avukat difensur, jikkonferma li kien jipperċepixxi xi Lm36. Jikkonferma illi fiż-żmien tal-każ, il-Pulizija kienu sabulu xi flus kontanti ġewwa r-residenza, iżda ma ftakarx kemm kien eżatt l-ammont, għalkemm isemmi wkoll illi kienu xi ħaġa inqas minn Lm300. Żied jgħid illi parti mis-somma illi sabu l-Pulizija

kienet tinkludi pagament għall-karozza tat-tfajla tiegħu. Spjega illi t-tfajla kienet tagħtih il-flus sabiex imur iħallsilha l-pagamenti hu u li din kienet taħdem. Skont hu, ftit mill-flus li nstabu kienu tiegħu. Wara li l-avukat difensur irrefera għall-parti tal-istqarrija tal-imputat rigwardanti l-flus, l-istess imputat ikkonferma dak illi kien qal fl-istess istqarrija tiegħu ossia illi s-somma tal-flus kienet maqsuma hekk: mija u għoxrin Lira Maltin (Lm120) kienu ta' Fiona Pace personalment, ħamsin Lira Maltin (Lm50) kienu pagament għall-karozza tagħha, tmien Liri Maltin (Lm8) kienu għax-xirja tal-ġimgħa u l-bqija kienu tiegħu personalment. Spjega wkoll illi dak iż-żmien huwa kien jirċievi l-benefiċċji soċjali u ma kienx jaħdem.

L-imputat jgħid illi dak iż-żmien għalkemm kien f'relazzjoni ma' Fiona Pace ma kinux jgħixu flimkien, iżda din kienet tgħix mal-ġenituri tagħha f'dar illi kienet tinsab mija u ħamsin metru biss bogħod mid-dar tiegħu. Jgħid ukoll illi dak iż-żmien kien ilu magħha xi ħdax-il sena. Ġieli kienet tiekol għandu, u ġieli kienet tiekol għand il-ġenituri tagħha.

Mistoqsi għaliex "*tkisser il-mobile*" l-imputat jgħid illi meta mar biex jagħtihom l-affarijiet min-naħa tax-xellug, il-Pulizija marru fuqu u huwa dar u mbotta lil min mar fuqu. Dak il-ħin rema ż-żgħar, iċ-ċwievet u l-*mobile* b'kollox. Skont hu, kien irrabjat li l-Pulizija qabdu u daħlu għandu.

Dwar is-sustanza illi nstabet fid-dar tiegħu, huwa kkonferma illi din kienet eroina u jgħid illi din kienet intiża għall-użu personali tiegħu. Jgħid illi l-eroina kienet tiswa l-flus u allura kien jara li sservih. Fisser illi normalment kien jixtri żewġ grammi b'kull gramma jaqsamha fi tliet porzjonijiet biex isservih tliet ijiem. Kien jabbuza mid-droga darbtejn kuljum u żewġ grammi kienu jservuh sitt ijiem.

Jgħid illi huwa qatt ma biegħ droga eroina u żied jgħid illi fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa kien ilu biss erba' xhur barra mix-xogħol, flus kellu u ma kellux bżonn ibiegħ droga. Żied jgħid illi d-droga li nstabet fil-pussess tiegħu kienet għalih, kien xtraha il-ġurnata ta' qabel u kien diġa` uża minnha. Xehed ukoll illi peress illi t-tfajla tiegħu kienet tqatta' ħin għandu u tiekol għandu, kienet ukoll taħdem u ma kinitx tqatta' ħafna ħin għand ommha u missierha, din kienet ukoll tgħinu fil-flus. Spjega wkoll illi d-dar fejn jgħix hija mikrija lilu għal ħamsa u sittin Lira Maltin (Lm65) fis-sena.

Dwar is-*SIM Cards* li nstabu fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi waħda minnhom ma kienx jużaha għaliex kien biddel il-linja wara li ma riedx jibqa' fl-impjieg illi kellu. *SIM Card* oħra kien iżommha għal li jista' jkun biex jekk jitlef il-*mobile* jaqbad is-*SIM Card* l-*ispare* u juża lilha għaliex

fiha kellu l-istess numri bħal dik illi kien juża regolarment. Din kienet *SIM Card* antika.
Dwar id-*diary* spjega illi hu ġieli għamel negozju fil-karozzi u kien iżomm dan id-*diary* għan-notamenti tiegħu dwar dan in-negozju. Jerġa' jsostni illi d-droga kienet intiża biss għall-użi tiegħu.

**In kontro-eżami** l-imputat xehed illi kien diġa` ġie nvestigat darb'oħra mill-Pulizija, madwar tlett snin qabel. Spjega illi meta daħlu fuqu l-Pulizija dawn tawh karta li fuqha ra n-numri tal-Kuntistabbli tal-Pulizija li kienu preżenti u li kienu sitta u li din il-karta damet f'idu sekonda biss għaliex ittieħdet lura mill-Pulizija. Jgħid illi kieku dan kien il-mandat ta' arrest, kienu jħalluh f'idejh. Jgħid illi "*Kien qalli ghandi l-mandat ta. Hudu.*" Skont hu l-karta illi ngħata kienet mitwija u hekk kif kien ser ikompli jaqraha, ħatfuhielu minn idu. Muri l-mandat esebit a fol. 37 tal-proċess, jgħid illi dan ma kienx dak li ġie muri dakinhar. L-imputat ikkonferma illi l-memorja tiegħu ma tantx hija tajba.

**In ri-eżami** l-imputat jgħid illi l-karta li ngħata kienet nofs karta tal-qies A4 u li din kienet mitwija fi tnejn. Iżid jgħid illi "*99% kif qed nahseb jien wara ghax minix cert, karta ta' min ser ikunu skwadra*"[12]. Muri l-mandat li ġie esebit a fol. 37, l-imputat jikkonferma illi fuq il-karta illi ngħata, u li beda jiftaħ min-naħa t'isfel tagħha, kien hemm kitba bil-*computer* u "*dawn in-numri zghar li qeghdin hawn, kienu totalment qeghdin hawn pero mhux din il-firma ta' Magistrat*"[13]. Jgħid ukoll illi kif ra l-karta u kien qed jiftaħha, kien ser jinfaqa' jidħak u ħaduhielu. Jaf li kien pulizija raġel li tah il-karta, iżda ma jiftakarx min kien.[14]

9. **L-ex Spettur Nadia Lanzon** xehdet illi ma jidhrilhiex illi sar xi konfront bejn l-imputat u terzi persuni. Żiedet tgħid illi l-persuna illi tat l-informazzjoni lill-Pulizija xtaqet tibqa' anonima u għalhekk ma jidhrilhiex li din kienet irrilaxxjat stqarrija bil-ġurament. L-Ispettur ikkonfermat illi l-imputat ma tressaqx fid-dawl tal-informazzjoni illi żvela t-terz, iżda ta' dak li nstab fil-pussess tiegħu waqt it-tfittxija fir-residenza tiegħu. Ikkonfermat ukoll illi t-tfittxija u l-arrest tal-imputat saru fuq skorta ta' mandat maħruġ mill-Maġistrat tal-Għassa ta' dakinhar, illi ma ftakritx min kien. Żiedet tgħid illi meta t-terz indika lill-imputat bħala l-persuna li mingħandu kien xtara d-droga, l-imputat kien diġa magħruf mal-Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga. Tgħid ukoll illi ma kinitx preżenti għat-tfittxija li saret lill-imputat.[15]

[12] Ara a fol. 73 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 75 tal-proċess.
[14] Ara a fol. 50 sa 77 tal-proċess.
[15]. Ara din ix-xhieda a fol. 85 sa 89 tal-proċess.

10. **Fiona Pace** tgħid illi fis-sena 2006 kienet f'relazzjoni mal-imputat, relazzjoni illi kienet ilha għaddejja għal snin twal *on and off*. Tgħid illi ma kinitx tgħix mal-imputat, iżda kienet ġejja u sejra. Mistoqsija l-imputat kienx iġemma' l-flus biex iħallas id-dawl u l-ilma, hija twieġeb li kien. Mistoqsija jekk kinitx tibgħat lill-imputat jagħmel pagamenti fuq il-karozza, hija twieġeb li hija dejjem ħallset il-karozza tagħha, u li ġieli bgħatet lill-imputat biex iħallsilha l-liċenzja. Dwar il-pagamenti bin-nifs għall-karozza tagħha, tgħid illi dawn kienet tħallashom hi u baqgħet ma weġbitx jekk l-imputat kienx imur hu bil-ħlasijiet tagħha.[16]

    Meta kompliet tixhed f'dawn il-proċeduri, l-istess **Fiona Pace** tikkonferma li qabel iż-żmien tal-każ de quo, l-imputat kellu inċident tat-traffiku u li dak iż-żmien kienet għadha kif tiltaqa' miegħu u tikkonferma wkoll illi b'konsegwenza ta' dan, huwa kien ikun muġugħ ħafna f'siequ. Tikkonferma wkoll illi meta arrestaw lill-imputat fis-sena 2006, lilha kienu għamlulha xi domandi wkoll, iżda ma tiftakarx x'kienet qalet.[17]

    **Fiona Pace**, riprodotta bħala xhud mid-difiża għal darb'oħra, tgħid illi dakinhar li marru l-Pulizija fir-residenza tal-imputat, fl-istess residenza kienu hi u l-imputat. Tgħid illi l-imputat staqsa jekk kellhomx mandat u mistoqsija x'ġara, tistaqsi "*Ma kellhomx hux?*"[18] u wara wieġbet illi ma setgħetx tiftakar eżatt għax kien għadda ż-żmien. Ma tiftakarx kemm kienu Pulizija, iżda tgħid illi dawn qabżu fuqu u hija bdiet twissihom minħabba saqajh. Tgħid illi hija riedet tmur xogħol dakinhar u l-Pulizija ħallewha titlaq, għalkemm imbagħad ġiet mitkellma. Mistoqsija diversi drabi dwar il-pagamenti tal-karozza, hija tgħid illi huwa ma kien iħallas xejn u li kienet tħallashom hi, għax il-karozza lilha kienet tgħajjat. Wara tgħid illi kien hemm żewġ karozzi, waħda f'isimha u waħda f'isem missierha, u li hija kienet tagħmel pagamenti lil missierha fix-xahar. Suġġerit lilha illi hija kienet qalet li l-imputat kien imur jaqdiha billi tagħtih il-flus biex jagħmlilha l-pagamenti għall-karozza, hija tgħid li ma tiftakarx x'qalet. Mistoqsija jekk kienux imorru nies iħabbtu għand l-imputat, hija tgħid li ma tiftakarx.[19]

11. Fuq talba tad-difiża **Oriana Deguara**, Deputat Reġistratur, esebiet vera kopja ta' proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizja (Spettur Nadia Lanzon) vs Fiona Pace'.[20]

---

[16] Ara a fol. 92 sa 99 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 104 sa 112 tal-proċess.
[18] A fol. 124 tal-proċess.
[19] Ara din ix-xhieda a fol,121 sa 139 tal-proċess.
[20] Ara a fol. 143 *et seq* tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat jinsab akkużat bil-pussess aggravat tad-droga eroina u dan b'referenza għas-26 ta' Jannar 2006 u l-ħames snin ta' qabel.

Il-Qorti sejra qabel xejn tindirizza l-kwistjoni tal-mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat. Għalkemm id-difiża ma tindirizzax dan il-punt fit-tul fit-trattazzjoni finali tagħha, tagħmel diversi mistoqsijiet dwar dan il-mandat fil-kontro-eżamijiet tagħha tal-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu preżenti għat-tfittxija fir-residenza in kwistjoni, u l-imputat inniffsu jagħmel enfasi dwar dan fix-xhieda tiegħu. Fit-trattazzjoni tagħha, imbagħad, id-difiża taċċenna għall-validita` o meno tat-tfittxija in kwistjoni u dan skont l-istess difiża "*ghax kulhadd jghid li kien hemm mandat, pero` hadd ma jiddeskrivi kif kien dan il-mandat*".[21]

Mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-fatt fil-konfront tal-imputat inħareġ mandat ta' tfittxija u arrest nhar il-25 ta' Jannar 2006, liema mandat ġie ffirmat mill-Maġistrat Dr. Joe Cassar u dan in segwitu għal rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, iffirmat mill-Ispettur Nadia Lanzon, li jġib l-istess data. Il-mandat jawtorizza perkwiżizzjoni fil-fond tar-residenza tal-istess imputat u postijiet oħra taħt il-kontroll tiegħu u dan dwar il-kommissjoni tar-reat ta' pussess u traffikar ta' droga. Dan il-mandat jinsab esebit a fol. 37 tal-proċess.

Jirriżulta għalhekk illi r-rekwiżiti li trid il-liġi dwar l-Artikolu 355E tal-Kodiċi Kriminali huma sodisfatti la darba t-tfittxija fir-residenza tal-imputat ġiet esegwita bis-saħħa ta' mandat ta' tfittxija u arrest minn Maġistrat, kif trid il-liġi u kif fil-fatt jikkonfermaw l-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti għat-tfittxija.

Issa fix-xhieda tiegħu, l-imputat jikkontesta li huwa ngħata kopja ta' dan il-mandat, iżda jgħid illi ngħata karta mitwija li ma kinitx il-mandat esebit in atti. Jgħid ukoll illi waqt li kien qed jiftaħ din il-karta, huwa nnota li kien hemm kitba bil-kompjuter fuq in-naħa ta' isfel, u xi numri. F'punt minnhom fix-xhieda tiegħu jgħid illi fuqha ra biss in-numri tal-Kuntistabbli tal-Pulizija li kienu preżenti għat-tfittxija, li skont hu, kienu sitta, għalkemm wara jgħid li kien hemm numri ta' xi erbgħa jew ħamsa għax ma kienx jaf kemm kien hemm pulizija eżatt waqt it-tfittxija u iżjed tard jgħid ukoll illi dan kien dak li qed jaħseb hu għax ma kienx ċert! Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi fil-waqt li l-imputat jgħid illi lanqas laħaq ra l-karta li huwa ngħata, ħlief għan-numri li semma', fl-istess waqt mill-banda l-oħra huwa jgħid li huwa mija fil-mija ċert li l-mandat esebit in atti ma kienx id-dokument li huwa ngħata mill-Pulizija fuq il-post! Imbagħad terġa' u tgħid iżjed tard fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid ukoll b'referenza għall-mandat esebit in

[21] Ara a fol. 157 tal-proċess.

atti, illi n-numri żgħar li kien hemm fuq il-mandat [ossia n-numri tal-artikoli tal-liġi relevanti fil-Kodiċi Kriminali] kienu qegħdin fuq il-karta li ngħata, iżda ma kienx hemm firem. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u anke tan-nuqqas ta' kredibilita` tal-imputat fi bnadi oħra tax-xhieda tiegħu, kif ser jiġi rilevat iżjed 'il quddiem, il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-imputat f'dan ir-rigward. Huwa evidenti li t-tfittxija fir-residenza tal-imputat saret fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tiegħu, u dan apparti li l-imputat inniffsu jgħid illi kif daħlu fir-residenza tiegħu, mill-ewwel qalulu li kienu qegħdin hemm għad-droga.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu ossia jekk jirriżultax ippruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiża biss għall-użu personali tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-imputat jikkonċedi illi fil-pussess tiegħu, fil-jum in kwistjoni nstabet id-droga eroina, liema droga huwa jgħid illi kienet esklussivament għall-użu personali tiegħu. Dak li qed jikkontesta l-imputat huwa l-pussess aggravat tad-droga in kwistjoni, ai termini tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu.

Dwar il-kunsiderazzjonijiet li għandha tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk il-pussess hux sempliċiment wieħed għall-użu personali jew inkella aggravat, ġie ritenut hekk fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-każijiet mhux l-ewwel darba li jippreżentaw ċerta diffikolta` biex wieħed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiża għall-użu personali jew biex tiġi spaċċjata. Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni w a bazi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova, ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ tkun biżżejjed.*"

Illi kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bażata fuq il-fatti,*

*ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".
Il-Qorti tibda sabiex tinnota illi s-sustanza misjuba fir-residenza tal-imputat baqgħet ma ġietx esebita fl-atti u għaldaqstant lanqas ma saret analiżi tagħha, bir-riżultat illi ma nġabitx prova dwar il-piż tagħha u dwar il-piż ta' kull qartas jew inkella dwar il-purita` tal-istess sustanza għad-droga eroina. Kif ingħad, madankollu, l-imputat ammetta li fil-pussess tiegħu huwa kellu d-droga eroina fil-jum in kwistjoni, kif ammetta wkoll illi huwa kien jagħmel użu mill-eroina dak iż-żmien, u jirriżulta in oltre illi b'kollox instabu disat iqratas fir-residenza tal-istess imputat.

Tinnota wkoll illi għalkemm l-Uffiċċjali tal-Pulizija li xehdu f'dan il-każ jgħidu li hekk kif daħlu fir-residenza tal-imputat, huwa rema *mobile phone* mal-art u kissru, dan l-istess *mobile phone* lanqas ma ġie esebit fl-atti, kif lanqas ma ġew esebiti l-oġġetti l-oħra relatati mad-droga li nstabu fl-istess residenza. Bl-istess mod, minkejja li jirriżulta illi fil-pussess tal-imputat instabet is-somma ta' Lm208 fi flus kontanti, lanqas din is-somma ma ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni. Dan jgħodd ukoll għad-djarju li nstab fil-pussess tal-imputat u li skont hu, kien jużah sabiex fuqu jikteb xi notamenti dwar xi karozzi li kien jixtri u jbiegħ. Fiċ-ċirkostanzi, dan la jista' jiġi kkonfermat u lanqas ikkontestat.

Mill-provi riżultanti mill-atti proċesswali, il-Qorti m'għandhiex dubju illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kien jagħmel użu mid-droga eroina. Dan qed jingħad mhux biss għaliex dan ġie ammess mill-istess imputat waqt ix-xhieda tiegħu, iżda anke mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija jirriżulta illi fir-residenza tiegħu nstabu oġġetti relatati mal-użu tad-droga, ossia żewġ siringi ġodda, pipa tal-*foil* u anke xi *foil*, fost affarijiet oħrajn. Naturalment, dan waħdu ma jwassalx neċessarjament għall-konklużjoni illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet kollha ntiża għalih iżda l-Qorti trid teżamina ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ biex tara tasalx għal din il-konklużjoni jew għall-konklużjoni oħra.

Il-Qorti tibda biex tgħid illi ma temminx lill-imputat fil-verżjoni tiegħu dwar x'kien qed jagħmel il-Giża mal-bieb tar-residenza tal-istess imputat. Huwa jgħid illi f'punt minnhom, wara li keċċieh minn fuq il-post diversi drabi, dan beda jgħajjat 'Pulzija, Pulizija' sabiex jingannah, bħal taparsi dan il-Giża kien huwa stess pulizija. Il-Qorti madankollu temmen li l-Giża, jekk verament kien qed jgħajjat dan il-kliem, iżjed kien qed jagħmel dan sabiex iwissi lill-imputat li kien hemm il-Pulizija, kif fil-fatt kien hemm. PC 599 Clive Mangion jgħid illi meta avviċinaw ir-residenza tal-imputat, il-bieb kien imbexxaq u l-istess imputat kien qed jitkellem ma' persuna barra l-bieb. PS 396 Saviour Baldacchino jgħid illi qabel daħlu fir-residenza tal-imputat, innutaw lil din il-persuna dieħla u ħierġa mill-isqaq u għalhekk stennew sakemm dan jerġa' jmur lura biex jieħdu ċans li bis-saħħa tiegħu jidħlu fir-residenza. Ħadd mill-Uffiċjali tal-Pulizija li xehdu ma

jgħid li l-imputat kien qed jargumenta mal-Giża hekk kif avviċinaw id-dar jew li kien qed joffendih, kif jgħid hu, iżda anzi kif ingħad, PC 599 jgħid li dawn kienu qed jitkellmu barra l-bieb tar-residenza tal-imputat. In oltre PC 599 jgħid illi huma kkonduċew ukoll tfittxija fuq il-persuna li magħha kien qed jitkellem l-imputat u dan evidentement proprju għaliex il-Pulizija ssuspettaw li dan seta' kien hemm sabiex jinqeda mingħand l-imputat. Irid jingħad ukoll illi dan il-Giża ma kienx l-unika persuna li avviċina r-residenza tal-imputat fil-ħin li kienu hemm il-Pulizija. Fil-fatt PS 396 Saviour Baldacchino jixhed illi waqt li kienet qed issir it-tfittxija fir-residenza tal-imputat, marru jħabbtu tliet persuni, li kienu noti mal-Pulizija bħala persuni li jabbużaw mid-droga. Għalkemm ma nstabitx droga fuq il-persuna tagħhom u għalhekk dawn ma setgħux jiġu miżmuma mill-Pulizija, din iċ-ċirkostanza hija tassew indikattiva illi l-imputat kien verament ibiegħ id-droga. Dak li jgħid l-imputat ossia illi huwa kien jiltaqa' ma' ħafna nies peress illi kien jaħdem fl-industrija tal-*catering* u illi bħal kulħadd kien merħba ġewwa r-residenza tiegħu sabiex jaraw it-televixin, ma huwa xejn ħlief tentattiv fjakk sabiex l-imputat jiġġustifika l-presenza ta' dawn it-tliet persuna mal-bieb ta' daru, proprju waqt il-ħin qasir li fih kienet qed issir it-tfittxija mill-Pulizija Eżekuttiva. Li dawn it-tliet persuni ma kellhomx droga fil-pussess tagħhom, f'dan il-kwadru tal-fatti ma jfisser xejn, ħlief li kienu għadhom ma nqdewx! Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għal dak li erronjament jgħid l-avukat difensur fit-trattazzjoni finali tiegħu. Effettivament kuntrarjament għal dak li jgħid hu, mix-xhieda ta' PS 396 jirriżulta illi tliet persuni marru jħabbtu fuq il-bieb tar-residenza tal-imputat waqt li kienet qed issir it-tfittxija u mhux kif jgħid l-avukat difensur, waqt li kienet qed issir osservazzjoni mill-Pulzija fuq ir-residenza, biex jagħti x'jifhem illi minkejja li dawn marru fir-residenza tal-imputat u mbagħad ħarġu minnha jew telqu, ma nstabet l-ebda droga fil-pussess tagħhom wara t-tfittxija li saret lilhom. Il-kwadru tal-fatti riżultanti mill-atti proċesswali kien kompletament differenti.

Irid jingħad ukoll illi li l-Qorti lanqas ma temmen lill-imputat meta jgħid illi huwa kisser il-*mobile phone* billi xeħtu mal-art għaliex kien irrabjat illi l-Uffiċjali tal-Pulizija qabdu u daħlu fir-residenza tiegħu. L-imputat jipprova jagħti l-impressjoni illi dawn kienu aggressivi miegħu meta daħlu fir-residenza u qabżu fuqu hekk kif huwa dar lejn il-*coffee table* wara li qalulu li marru sabiex ifittxu għad-droga. Dak li ma jgħidx l-imputat madankollu huwa illi hekk kif il-Pulizija daħlu fir-residenza tiegħu, huwa qabad il-borża bid-droga u remiha għal wara s-sufan, kif jgħid PC 599 Clive Mangion fix-xhieda tiegħu u li sussegwentement qabad il-*mobile* u kissru billi tefgħu mal-art. Jekk allura l-Uffiċjali tal-Pulizija marru fuqu biex iwaqqfuh, kienu altru milli ġustifikati illi jagħmlu dan, oltre illi huwa evidenti wkoll għal din il-Qorti li r-raġuni għaliex l-imputat rema l-*mobile phone* mal-art evidentement sabiex ikissru u fi kliem PC 599 "*faqgħu*" ma kienx għaliex huwa kien irrabjat bl-intrużjoni tal-Pulizija f'daru, kif jgħid fix-xhieda

tiegħu, iżda għaliex ried jeqred l-evidenza li setgħu jsibu l-Pulizija, kif ovvju wkoll mit-tentattiv fjakk li jarmi d-droga wara s-sufan.
Dwar il-flus li nstabu ġewwa r-residenza tal-imputat, ossia s-somma ta' Lm208, fix-xhieda tiegħu, l-istess imputat jirreferi għal dak li kien qal fl-istqarrija tiegħu ossia illi Lm120 minn dawn il-flus kienu jappartjenu lit-tfajla tiegħu ta' dak iż-żmien, Fiona Pace, u Lm50 oħra kienu flus li hija tagħtu sabiex jagħmlilha xi pagament fuq il-karozza tagħha. Irid jingħad hawnhekk illi d-difiża tellgħet lill-istess Fiona Pace tliet darbiet sabiex tixhed f'dawn il-proċeduri, iżda fl-ewwel lok, minkejja domandi fuq domandi da parti tad-difiża dwar il-pagamenti li suppost kien jagħmel l-imputat għan-nom tagħha, din fl-ebda mument ma kkonfermat li dan kien il-każ, iżda anzi f'punt minnhom tenniet li l-pagamenti fuq il-karozza kienu r-responsabilita` tagħha u għalhekk kienet tagħmilhom hi stess u dan billi kienet tħallas lil missierha. In oltre għalkemm jidher illi Pace kellha żewġ vetturi fuq isimha, jidher illi dawn kien jagħmel użu minnhom l-imputat tant li tgħid diversi drabi li hi u missierha kellhom iħallsu diversi ċitazzjonijiet fuq dawn iż-żewġ vetturi u dan minkejja li dawn ma nkorrewhomx huma. Mhux biss iżda fil-waqt illi tgħid illi fuq vettura minnhom kienet hija stess li tħallas il-pagamenti lil missierha, dwar il-vettura l-oħra tibqa' ma tikkonfermax dak mistoqsi lilha mid-difiża u dan kif ingħad minkejja l-persistenza kbira u d-domandi kontinwament suġġestivi tal-istess difiża. Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja l-insistenza tal-imputat illi mis-somma ta' Lm208 li nstabu fir-residenza tiegħu, Lm120 kienu ta' Pace, u minkejja li kif ingħad ukoll l-istess Pace ittellgħet tliet darbiet bħala xhud in difeża, fl-ebda stadju ma ġiet mistoqsija dwar dan il-punt. Tenut kont tal-fatt illi l-flus instabu fir-residenza tal-imputat, tenut kont ukoll illi għalkemm Pace kienet it-tfajla tiegħu dak iż-żmien, hija ma kinitx tgħix miegħu għalkemm kienet tqatta' ħin fir-residenza tiegħu, tenut kont ukoll illi minkejja n-numru ta' domandi persistenti tad-difiża dwar il-ħlasijiet li suppost l-imputat kien jagħmel għan-nom ta' Pace, dan l-istess Pace baqgħet ma kkonfermatux, iżda anzi f'punt minnhom rigward vettura partikolari tinnegah, u tenut kont ukoll tan-nuqqas komplet ta' kredibilita` tal-imputat f'diversi aspetti tax-xhieda tiegħu, il-Qorti tiddubita ferm kemm dak li jgħid l-imputat dwar il-flejjes misjuba fir-residenza tiegħu huwa minnu.

Imbagħad, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi fix-xhieda tiegħu, l-imputat jgħid illi huwa kien jikkonsma ċirka gramma eroina kull tliet ijiem jew żewġ grammi eroina kull sitt ijiem u li kien jagħmel użu mill-eroina ċirka darbtejn kuljum. Dan ifisser illi l-imputat kien jagħmel użu minn ċirka għaxar grammi eroina fix-xahar, li evidentement ifisser ukoll illi l-istess imputat, għad-droga biss kellu bżonn iżjed mill-ammont ta' benefiċċji soċjali ta' xi Lm36 fil-ġimgħa li huwa jgħid illi kien jipperċepixxi dak iż-żmien. Dan qed jingħad għaliex huwa magħruf fid-dinja tad-droga illi doża eroina tinbiegħ bil-prezz ta' €10 jew Lm5 fiż-żmien tal-każ odjern u għalhekk anke li kieku l-imputat kien jagħmel użu tassew minimu mid-droga eroina kuljum, kien mill-inqas jeħtieġlu jonfoq Lm150 f'xahar li diġa` jammonta

waħdu għal iżjed minn dak li kien jipperċepixxi f'beneficċji soċjali. Imbagħad naturalment l-imputat kien jeħtieġ il-flus għall-għixien tiegħu, apparti li ried iħallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Li l-imputat jgħid li t-tfajla tiegħu kienet tgħinu fix-xirja għax kienet tiekol għandu wkoll ma jispjegax kif kien iħallas għad-droga u għall-għixien tiegħu, dan ukoll meta jidher li għall-istess xirja kien jikkontribwixxi huwa wkoll, skont ix-xhieda tiegħu. Irid jingħad ukoll illi mix-xhieda tiegħu, jirriżulta in oltre illi huwa kien ilu fil-vizzju tad-droga mis-sena 2002, u illi fiż-żmien tal-każ, huwa kien ilu wieqaf mix-xogħol erba' xhur. Anke f'dan ir-rigward, għalkemm l-imputat jgħid illi huwa kellu l-flus imġemmgħin mill-impjieg preċedenti tiegħu, dan lanqas ma huwa kredibbli u xejn verosimili, meqjus il-vizzju tiegħu tad-droga eroina u li kien ilu f'dan il-vizzju għal numru ta' snin.

Tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet kollha tal-Qorti iżjed 'il fuq, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tenut kont ukoll illi jirriżulta illi fis-26 ta' Jannar 2006, l-imputat instab fil-pussess tad-droga eroina maqsuma f'disat iqratas, il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-pussess ta' tali droga ma kienx għall-użu esklussiv tal-istess imputat. Dan madankollu limitatament għad-data tas-26 ta' Jannar 2006 u mhux għall-ħames snin ta' qabel din id-data, li dwarhom ma nġabitx prova.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Diċembru 2019, mil-liema jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati fosthom reati kontra l-Kap. 65 f'diversi okkażżjonijiet u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ħsarat u offiżi involontarji, reati kontravenzjonali, offiża ta' natura ħafifa, omiċidju involontarju, u pussess tad-droga eroina, kokaina u raża tal-*cannabis.*

Qieset ukoll in-natura tal-imputazzjoni odjerna u ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2006. Fil-waqt illi l-Qorti tqis illi parti sostanzjali mid-dewmien kien imputabbli wkoll għall-imputat, madankollu dan ma kienx biss imputabbli lilu. Biss biss il-kawża odjerna bdiet tinstema' ħames snin wara li seħħ il-każ.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu (iżda limitatament għas-26 ta' Jannar 2006 u mhux għall-

ħames snin ta' qabel din id-data) u qed tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900).

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**